**186. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi**:

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta ta konċessjoni enfitewtika ta' sit fil-Belt Valletta għal ħamsin sena lill-Kummissjoni tal-Emigranti, liema konċessjoni bdiet isseħħ mid-19 ta' Diċembru 1969;

U billi l-istess Kummissjoni tal-Emigranti talbet li tipproroga l-perjodu taċ-ċens għal ħamsin sena oħra u l-Gvern laqa' t-talba;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas- subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li ċ-ċens fuq imsemmi jiġi prorogat għal ħamsin sena oħra mid-data tal-iskadenza tat-terminu oriġinali kif jirriżulta mill-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

09.11.1989